MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru. 105/2003

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Mario Mallia

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Mario Mallia, ta’ 49 sena, bin il-mejjet Joseph u l-mejta Giovanna mitwielda Borg, imwieled B’ Kara fit-30 ta’ Gunju 1958, u joqghod “Gold Medal”, Flat E, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, li ghandu numru tal-karta ta’ l-identita’ 447358(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) Nhar is-Sibt 25 ta' Jannar, 2003 ghal habta tas-1.30 p.m., waqt li kien qieghed isuq xarabank li ggib numru DBY-343 go Triq it-Turisti, Qawra, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil Janet Laing ta' nazzjonalita' Skocciza w ikkagunalha l-mewt.

(b) Talli fl-istess data, hin u lok, saq l-imsemmija xarabank bi traskuragni u negligenza.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Frar, 2005 (*a folio* 249 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 225, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2007, l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-23 ta' Jannar 2003, fi Triq it-Turisti l-Qawra, precizament fi-dahla tal-Bus Terminus fejn Janet Laing mara ta' nazzjonalita' Scocciza ittajret minn xarabank tal-linja tal-ghamla Bedford bin-numru tar-registrazzjoni DBY 343 liema xarabank kienet misjuqa mill-imputat Mario Mallia. Janet Laing sussegwentement mietet fis-27 ta' Jannar 2003 kawza tal-giriehi li garrbet waqt l-incident.

Dwar id-dinamika tal-incident de quo xehdu kemm zewg passiggiera ta' nazjonalita' Ingliza li kienu fuq ix-xarabank (Kevin u Jennifer Burgess) kif ukoll l-Inspector Joseph Grech li kien fuq ix-xarabank. Dawn it-tlett persuni xehdu

kmm f-inkjesta magisterjali li saret dwar l-incident (il-process verbal relattiv jinsab esebit *a folio* 58 et sequitur) kif ukoll quddiem din il-Qorti. L-imputat min-naha l-ohra xehed dwar id-dinamika tal-incident quddiem l-espert nominat fl-inkjesta magisterjali izda mbaghad huwa ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Kevin Burgess li xehed quddiem din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2003 (xhieda relattiva tinsab *a folio* 9 et sequitur tal-process) qal li huwa kien rikeb mill-Belt fuq ix-xarabank misjuqa mill-imputat u kien bil-qeghda lejn nofs ix-xarabank man-naha tax-xellug tas-sewwieq. Dan ix-xhud spjega li matul il-vjagg ix-xufier kien nervuz hafna fis-sewqan tieghu u kellu diversi ncidenti fit-triq. Huwa qal ukoll li malli waslu l-venda tal-Qawra u x-xufier beda jdur ghal gewwa t-terminus huwa, u cioe' Kevin Burgess, lemah mara qed taqsam it-triq, hija kienet qed taqsam min-naha ghal ohra tal-entratura tal-venda. Dan ix-xhud jghid li meta huwa ra lil vittma ix-xarabank kien ser jibda jdur lejn ix-xellug sabiex jidhol fit-terminus u hija kienet diga' qasmet nofs it-triq. Huwa qal ukoll li l-vittma dehret li ma kienitx taf li gejja x-xarabank u qal li huwa hares lejn ix-xufier sabiex jara jekk dan tal-ahhar kienx lemah lil din il-mara izda ra lill-imputat ihares in-naha l-ohra u jitkellem mal-Inspector u mbaghad il-persuna ttajret.

Jennifer Burgess xehdet li hija ma ratx l-incident per se isehh ghaliex ma kienitx qed thares izda qalet ukoll li hija kient telghat fuq ix-xarabank miwsjuqa mil-imputat mil-Belt u li tul il-vjagg l-imputat kien qed isuq b'mod nervuz u kellu xi jghid ma xi nies fit-triq. Hija qalet ukoll li malli tela' l-inspector fuq ix-xarabank meta l-istess xarabank waslet Bugibba l-imputat ghamel it-triq kollha jitkellem mieghu.

Il-bus inspector Joseph Grech xehed li huwa tela' fuq ix-xarabank f'Bugibba u beda' jispezzjona l-biljetti. Malli lesta mar sabiex jiffirma l-ktieb tax-xufier izda qal li huwa qatt ma kellem lix-xufier u qal ukoll li dan tal-ahhar kien qed ihares dejjem il-quddiem. Huwa jghid ukoll li f'daqqa wahda ra mara taqsam mix-xellug fid-dahla tal-bus terminus u huwa ghajjat lix-xufier izda din il-mara giet milquta mix-xarabank.

L-imputat li kif diga' ntqal aktar il-fuq xehed biss quddiem l-espert nominat fl-atti tal-inkjesta magisterjali qal li huwa saq mill-Belt sal-Qawra minghajr incidenti partikolari. Huwa qal ukoll li l-Mosta kien hemm incident fejn persuna harget f'daqqa pero' dan l-incident ma kellu l-ebda konsegwenzi. L-imputat qal ukoll li malli huwa wasal hdejn il-venda beda jsuq bil-mod u beda jdur sabiex jidhol fil-bus terminus. Huwa jghid ukoll li fl-ebda hin ma tkellem mal-inspector u jispjega li kif beda jdur sema' lill-Inspector jghajjat u ghalhekk huwa ghafas il-brejk u mill-windscreen fuq in-naha tax-xellug ra ras u xaghar ta' persuna u nduna li kien laqat lil xi hadd. Huwa xehed ukoll li kien ghaddej bil-mod hafna u li ghalhekk waqaf mal-ewwel u qal li l-lampa tal-indicator ma kienitx imkissra qabel l-incident.

Ikkunsiddrat:

Illi mill-provi rrizulta li Janet Laing bdiet taqsam min-naha ghall-ohra tad-dahla tat-terminus tal-Qawra min-naha tax-xellug u li hija bdiet timxi bil-mod, kienet miexja thares lejn l-art u li hija ma kienitx indunat li kien gej ix-xarabank misjuq mill-imputat liema xarabank kien qed jikser fuq ix-xellug minn Triq it-Turisti sabiex tidhol fil-venda. Irrizulta wkoll li l-imputat kien qed isuq pjuttost bil-mod fil-mument li sehh l-incident. Hemm xhieda kunfliggenti dwar x'kien qed jaghmel l-imputat immedjatament qabel ma sehh l-incident. Kevin u Jennifer Burgess xehdu li huwa kien qed jitkellem mal-inspector u li ma kienx qed ihares il-quddiem. Kevin Burges qal ukoll li l-imputat kien qed ihares lejn il-lemin u cioe' fid-direzzjoni oppsta ta' minn fejn qasmet il-vittma. Il-bus inspector Joseph Grech min-naha l-ohra jghid li huwa ma kellimx lill-imputat u li l-istess imputat kien qed ihares il-quddiem fil-mument li ntlaqtet il-vittma. L-istess haga qal l-imputat meta xehed quddiem l-espert nominat fl-inkjesta magisterjali.

Ikkunsidrat:

Ili l-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtjia minn Kevin Burgess dwar id-dinamika tal-incident de quo. Fil-fehma tal-Qorti mill-provi mressqa

mill-Prosekuzzjoni jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien traskurat fis-sewqan tieghu. Ghalkemm huwa minnu li huwa kien qed isuq bi speed baxx fil-mument li dar sabiex jidhol fit-terminus u dan jirrizulta mill-brejk marks minimi li gew riskontrati fil-post tal-incident, huwa ma messux kien qed jitkellem mal-inspector Jsoeph Grech u jhares lejn l-istess Grech fil-mument li beda jeffetwa l-manuvra sabiex jidhol fil-venda. Li kieku huwa kien qed ihares il-quddiem u qed izomma *proper look out* ghal dak lli kien qed jigri fi triq madwaru seta’ jinduna qabel bil-vittma li kienet qed taqsam u seta jigi evitat l-incident. Irid jigi rilevat li s-sewwieq tax-xarabank kien l-ahhar persuna li nduna bil-mara qed taqsam meta huwa bhala s-sewwieq kellu jkun l-ewwel persuna li tara u taghti kaz dak li qed jigri fit-triq quddiemu. Mill-provi fil-fatt irrizulta li kemm Kevin Burgess, kif ukoll l-inspector u anki n-nies l-ohra li kien hemm fuq il-bus indunaw bil-mara qed taqsam u ghajtu lix-xufier sabiex jieqaf mentri dan tal-ahhar induna bil-vittma biss wara li kien laqatha.  Huwa minnu li mill-provi rrizulta wkoll li l-vittma ma kienitx indunat bix-xarabank u li ghalhekk hija probabilment ma kienitx harset u ezercitat il-kawtela kollha rikjesta minnha bhal pedestrian qabel ma bdiet taqsam izda l-Qorti jidrilha li dan l-element ta’ kontributorjeta’ da parti tal-vittma ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biss in kwantu jirrigwarda l-piena li ser tigi inflitta u mhux sabiex jiskulpa lill-imputat mir-responsabilita’ ghall-akkadut. Kif diga’ intqal aktar il-fuq lli kieku l-imputat ezercita l-kawtela u l-prudenza rikjesta minn sewwieq prudenti u kien qed jaghti kaz ta’ dak li qed jigri fit-triq quddiemu minflok jitkellem mal-inspector u jhares la gembha kif fil-fatt irrizulta li kien qed jaghmel, kien jinduna bil-vittma qed taqsam u l-incident kien jigi evitat.

Il-Qorti ghalhekk tirritjeni li l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu stante li rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien traskurat fis-sewqan tieghu u li bhala konsegwenza ta’ tali traskuragni giet imtajra Janet Laing li sussegwentement mietet bhala konsegwenza tal-griehi kagunati fl-incident li jifforma l-mertu ta din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 il-Qorti tiddikjara lil-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ mitejn lira (LM200.00) u tiskwalifikah milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal zmien sebghat (7) ijiem millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti inoltre tordna lil-imputat sabiex sa zmien xahar milum ihallas is-somma ta’ mitejn disgha u tmenin lira maltin u sittax-il centezmu (LM 289.16) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-inkjesta magisterjali li saret rigwardanti l-incident li jifforma l-mertu ta’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------